# ID-DAWL

OTTUBRU 2019 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 22

## Imħabba għal Kulħadd
## Mibegħda għal Ħadd



Ir-Rispett u l-Armonija | Ġirien Twajba | Musulman Veru | Ambjent Aħjar

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

## Editorjal

# IL-KONVENZJONI ANNWALI (JALSA SALANA 2019)

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-Konvenzjoni Annwali (Jalsa Salana) hija l-laqgħa formali ta' kull sena tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana mibdija minn Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed(as), il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Il-konvenzjoni annwali hija avveniment uniku li jġib flimkien nies minn oqsma differenti tal-ħajja u li l-għan tagħha huwa li ssaħħaħ l-għaqda bejn il-popli, u mal-Ħallieq tagħna.

Il-Messija Mwiegħedas iddeskriva l-iskopijiet ta' din il-konvenzjoni fil-kitbiet tiegħu. Huwa jgħid: **"L-għan ewlieni ta' din il-konvenzjoni huwa biex kull persuna ġenwina tkun kapaċi tesperjenza personalment gwadann reliġjuż; jistgħu jkattru l-għarfien tagħhom, u billi jkunu mbierka u mnebbħa minn Alla Glorifikat, il-perċezzjoni tagħhom (ta' Alla) tista' titjieb. Bħala benefiċċji sekondarji, din il-miġemgħa ta' bejnietna sservi bħala introduzzjoni bejn l-aħwa kollha, u b'hekk jissaħħu r-rabtiet fraternali qalb din il-Komunità."**[i]

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta se torganizza t-tielet Konvenzjoni Annwali tagħha nhar il-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019. It-tema għall-konvenzjoni ta' din is-sena hija **'Servizz lill-Umanità'**.

**ID-DAWL**
Ottubru 2019 – Numru 22 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401| **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**

**Il-Qoxra:** Andrew Mayovskyy | Shutterstock – Ritratt pġ.5 Designed by Freepik

# IL-PROMOZZJONI TAL-ARMONIJA U R-RISPETT BEJN IR-RELIĠJONIJIET

"Huwa dikjarat b'mod ċar ħafna fil-Koran Imqaddes li mhumiex il-Musulmani biss li jżommu sod mal-verità u li jagħtu pariri u jattwaw il-ġustizzja b'mod rett. Qalb is-segwaċi ta' reliġjonijiet oħra, hemm ukoll nies oħra li jagħmlu l-istess.

Din hija l-attitudni li d-dinja sħiħa reliġjuża għandha tadotta llum biex ittejjeb il-kwalità ta' relazzjoni ma' twemminiet oħra. Il-paċi reliġjuża ma tistax tinkiseb mingħajr ma jiġu mrawma attitudnijiet mingħajr preġudizzji, mimlija ġenerożità u komprensjoni umanitarja lejn in-nies ta' reliġjonijiet oħra.

Dwar ir-reliġjonijiet kollha tad-dinja, inġenerali, il-Koran Imqaddes jiddikjara:

> **'Minn dawk li Aħna ħlaqna, hemm uħud li jiggwidaw lill-bnedmin bil-verità u wara jwettqu ġustizzja [7:182].'"**[(ii)]

## IL-ĦNIENA F'WAQT TA' KRIŻI

Il-Messija Mwiegħed[as] nieda mudell meraviljuż ta' servizz għall-umanità bl-ispirtu ta' mħabba u mogħdrija biex isegwuh il-Musulmani Aħmadin. Huwa kiteb:

> "Il-prinċipju li għandna nimxu fuqu huwa dak li jkollna l-ħniena f'qalbna għall-umanità kollha. Jekk xi ħadd jara d-dar ta' wieħed ġar Ħindu qed taqbad u ma jersaqx biex jgħin ħalli jintefa n-nar, mela tabilħaqq niddikjara li dak l-individwu m'għandux x'jaqsam miegħi. Jekk xi ħadd mid-dixxipli tiegħi jilmaħ lil xi ħadd qed jipprova joqtol Kristjan u ma jippruvax isalvah, mela tassew niddikjara li dik il-persuna m'għandha xejn x'taqsam magħna."[(iii)]

# L-IŻLAM JGĦALLEM IL-MIBEGĦDA GĦAL DAWK LI MHUMIEX MUSULMANI?

Iżlam, huwa l-isem li ta Alla Omnipotenti lil din ir-reliġjon (Il-Koran, 5:4). Il-kelma "Iżlam" litteralment tfisser paċi. F'din il-kelma unika, it-tagħlim u l-attitudnijiet Iżlamiċi kollha huma riflessi b'mod sabiħ u konċiż. Għaldaqstant, kif tista' reliġjon li tfisser paċi tgħallem il-mibegħda għall-oħrajn? Fil-qosor, l-Iżlam ma jixtieq l-ebda mibegħda u diskriminazzjoni lejn ħadd, kemm jekk ikun Musulman u anki jekk ma jkunx.

Waħda mit-tagħlimiet fundamentali tal-Iżlam u waħda li kull Musulman jikkultiva f'qalbu hija dik tal-fraternità u l-ugwaljanza bejn il-bnedmin. Minħabba li l-Iżlam jikkonsidra d-diversità tan-nies u n-natura bħala ħolqien t'Alla, ir-rispett lejn id-diversità huwa obbligatorju. Imsemmija b'mod speċjali fil-Koran huma "il-Poplu tal-Ktieb", li huma l-Lhud u l-Insara, li dejjem ingħataw post speċjali fis-soċjetà Musulmana. Il-Musulmani ġew ordnati biex jipproteġu d-dritt tagħhom għat-talb u l-postijiet tagħhom ta' qima, ordni li ġiet segwita storikament, minħabba l-evidenza tal-eżistenza ta' knejjes u sinagogi qodma fid-dinja Musulmana f'postijiet bħalma huma t-Turkija, il-Palestina, il-Ġordan, is-Sirja u l-Bosnja.

Kuntrarju għall-ħsieb komuni, l-Iżlam ma "nxteridx bix-xabla", u lanqas in-nies ma ġew sfurzati biex jikkonvertu, fatt li huwa evidenti bl-eżistenza ta' popolazzjonijiet mhux Musulmani fil-pajjiżi Musulmani. Dan l-istess rispett u tolleranza ġie estiż għal nies oħra bi twemmin ieħor.

Il-Musulmani jemmnu li l-Qaddis Profeta Muħammad(sa) intbagħat bħala **"Ħniena għad-dinjiet kollha"**, u li huwa ġab reliġjon aħħarija għall-umanità kollha. L-ewwel paġna tal-Koran Imqaddes fil-fatt tfaħħar lill-Mulej li Huwa s-Sostenitur tad-dinjiet kollha (1:2), u l-aħħar kapitlu tiegħu jħeġġiġna biex nitolbu lis-Sid tal-umanità (114:2).

Għaldaqstant kemm l-ewwel kif ukoll l-aħħar kliem tal-Koran Imqaddes jippreżentaw il-kunċett ta' univers sħiħ, u mhux biss dak



ta' Alla tal-Għarab jew tal-Musulmani. Xi kultant tinħoloq impressjoni minn xi wħud li l-Koran Imqaddes jgħallem biex wieħed ma jagħmilx ħbieb ma' dawk li ma jemmnux. Dawn ir-referenzi huma meħuda barra mill-kuntest. Fil-Koran Imqaddes hemm imsemmija xi nies li huma għedewwa ċari u dikjarati tal-Iżlam. Mhuwiex tal-parir li wieħed jagħmel ħbieb sewwa ma' dawn in-nies.

Fi ftit kliem, l-Iżlam huwa reliġjon ta' mħabba, mogħdrija u servizz lill-umanità. Il-prinċipju tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana – **Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd** – juri l-essenza u l-personifikazzjoni tat-tagħlim sħiħ Iżlamiku. Huwa manifestazzjoni ċara kristall tat-tagħlim Koraniku tal-ħniena u l-imħabba lejn l-umanità kollha. Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana temmen u tipprattika dan il-motto famuż u hija dejjem impenjata biex isservi lill-bnedmin kollha, u li turi l-kompassjoni u l-għożża mal-umanità kollha, mingħajr differenza fil-kulur tal-ġilda, twemmin jew fidi.

# ĠIRIEN TWAJBA

"L-Iżlam jenfasizza għal diversi drabi d-drittijiet tal-ġirien u jamar lill-Musulmani biex ikunu konxji tal-ħtiġijiet tal-ġirien tagħhom. Pereżempju, f'kapitlu 4 vers 37 tal-Koran Imqaddes wieħed isib kodiċi ta' valuri morali li l-Musulmani jridu jadottaw u jsejsu ħajjithom fuqu u dan jurihom kif għandhom iġibu ruħhom ma' membri oħra tas-soċjetà.

Fejn, fuq naħa, il-vers jiddikjara li l-Musulmani għandhom jaduraw lil Alla Omnipotenti waħdu u mhux ma' msieħba oħra, huwa jordnalhom ukoll biex juru ħniena u mogħdrija mal-umanità kollha. L-ewwel nett, il-vers isejjaħ lill-Musulmani kollha biex jittrattaw lill-ġenituri tagħhom b'sensibbiltà u affezzjoni, għaliex il-ġenituri tagħna huma n-nies li ħabbewna bla ebda kundizzjoni u wettqu sagrifiċċji bla għadd għall-ġid tagħna. Imbagħad, il-Musulmani huma mgħallma biex ikunu devoti u sinċiera mal-qraba u l-ħbieb tagħhom. Huma mgħallma biex juru simpatija mal-orfni u man-nies kollha li qed ibatu jew huma vulnerabbli b'xi mod jew ieħor.

**Il-vers imbagħad jiddikjara kategorikament li l-Musulmani jridu jħarsu d-drittijiet tal-ġirien tagħhom, kemm ta' dawk li magħhom għandhom ħbiberiji personali u kemm ta' dawk li m'għandhomx. L-issodisfar tad-drittijiet tal-ġirien ifisser li l-Musulmani jridu jittrattaw lill-ġirien tagħhom bi grazzja u kompassjoni u jkunu dejjem lesti biex jgħinuhom fil-waqt tal-ħtieġa u li jkunu ta' spalla għalihom biex iwennsuhom fi żminijiet ta' diqa. Ifisser li jridu jirrispettawhom u jqisuhom bl-akbar stima.**

# MIN HU ĠAR?

Barra minn hekk, skont l-Iżlam, id-definizzjoni ta' ġar għandha implikazzjonijiet ferm usa'. Il-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stqarr li l-ġirien ta' persuna mhumiex biss dawk li jgħixu fil-viċinanzi immedjati, iżda jinkludu mill-anqas l-eqreb erbgħin dar. Aktar minn hekk, il-Koran jgħallem li l-ġirien ta' persuna jinkludu l-kollegi ta' fuq ix-xogħol u dawk li jivvjaġġaw magħha."[(iv)]

# MUSULMAN VERU

Il-Koran Imqaddes jiddeskrivi l-Musulmani veri u jgħid:

> **"Il-qaddejja ta' Alla tal-Ħniena huma dawk li jimxu fl-art b'mod dinjituż, u meta l-injoranti jindirizzawhom, huma jgħidu: 'Paċi u sliem.'"** (Il-Koran, 25:64)

Il-Ħames Kalif tal-Komunità Ahmadiyya, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], jgħid:

> **"It-tagħlim bażiku u fundamentali tal-Iżlam hu li l-Musulman veru huwa persuna li minn ilsienu u idu, kull persuna li tħobb il-paċi għandha tħossha sigura... L-Iżlam jgħallem li dawk biss li jużaw ilsienhom u idhom biex ixerrdu l-inġustizzji u l-mibegħda jixirqilhom il-kastig."**[(v)]


*Stedina*

**IL-KONVENZJONI ANNWALI 2019**

UNITÀ - IMĦABBA - PAĊI - TBISSIM - FRATERNITÀ

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta se torganizza l-konvenzjoni annwali tagħha nhar **il-Ħadd 13 ta' Ottubru 2019** l-Imsida.

Inti ġentilment mistieden għal din il-laqgħa ta' tkattir ta' unità, armonija, għożża u fraternità. Jekk jogħġbok ibagħtilna imejl fuq **amjmalta@gmail.com** biex tirċievi l-programm u stedina formali għal din il-konvenzjoni.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD**
**MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

# AMBJENT AĦJAR, TFAL FERĦANIN



Il-Komunità Aħmadiyya Musulmana ħawlet madwar 50 pjanta fil-ġnien ta' madwar l-iskola primarja tal-Imsida (St Venera) matul attività speċjali fejn l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri tagħhom sebbħu flimkien l-ambjent tal-iskola, qabel tibda l-iskola formalment fl-aħħar ta' Settembru. L-Imam Laiq Aħmed Atif, il-president tal-Komunità Aħmadiyya Musulmana, ippreżenta l-pjanti lill-kap tal-iskola u pparteċipa fit-tħawwil tal-pjanti. Il-kap tal-iskola, is-Sinjura Silvana Ungaro, irringrazzjat lill-Komunità Aħmadiyya Musulmana għal din id-donazzjoni u qalet li, "Illum huwa ta' pjaċir li naħdmu flimkien biex insebbħu l-iskola tagħna. Irnexxielna nittrasformaw żona abbandunata fi spazju kkulurit u fjuri għat-tfal tagħna biex igawdu. Ir-riżultat huwa aqwa."

---

(i) *Ishtihar* 7 Diċembru 1892, *Majmooah Ishtiharat*, vol.1, p. 340
(ii) Ħażrat Mirża Taħir Aħmad[rh], *Islam's response to contemporary issues*, p. 24
(iii) Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], *Siraj e Muneer*: *Ruħani Khazain*, vol. 12, p. 28
(iv) Mill-indirizz ewlieni tal-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya, fid-29 ta' Ġunju 2019, f'Islamabad, Tilford, UK.
(v) Indirizz minn Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], Kap tal-Komunità Ahmadiyya, fil-Parlament Ewropew.

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**